MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 1083/2005

**Talba Nru: 1083/05PBC**

**TN Waterproofing Services Limited (C 14676)**

**Vs**

**RC Construction Limited u Raymond Micallef u b'digriet tat-Tribunal tal-21 t'April, 2006 gie msejjah fil-kawza Vincent Tabone**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta` hames

mija w erbgha u tletin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm534.54c) rapprezentanti prezz ta` bejgh ta` merkanzija konsistenti f'rombli tal-*membrane.*

Ra r-Risposta ta` RC Construction Limited u Raymond Micallef li biha wiegbu li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici, u dan kif jista` jirrizulta tajjeb waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta` Simon Bugeja.

Ra n-Nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba attrici limitatament ghas-somma ta` tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm383.50c) ipprezentata fis-6 t`April, 2006.

Ra d-digriet tal-21 t`April, 2006 li bih gie msejjah fil-kawza Vincent Tabone.

Ra li Vincent Tabone debitament notifikat fit-23 ta` Mejju, 2006 ma pprezenta l-ebda Risposta.

Sema` x-xhieda ta` Raymond Micallef u ra l-Affidavits tieghu u kif ukoll l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Victor Scerri ghas-socjeta' attrici u ta` Dr James D'Agostino ghall-konvenuti.

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti jirrizulta sodisfacentement illi s-socjeta` attrici bieghet lis-socjeta` RC Construction Limited konsenja ta` materjal ta` *waterproofing, chasing and cement refilling* skond kif jirrizulta fuq *invoice number* 1161 bid-data tal-20 ta` Marzu, 2004 fl-ammont komplessiv ta` tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm383.50c) liema ammont is-socjeta` konvenuta tammetti li ma hallsitx.

Illi ghalhekk f'dan ir-rigward din il-parti tat-talba attrici tisthoqq li tigi milqugha fir-rigward ta` dan l-ammont fil-konfront tas-socjeta` konvenuta.

Il-veru vertenza ta` din il-kawza tirrigwarda *invoice number* 1058 tas-26 t`April, 2004 u cjoe` jekk din ghandhiex tithallas mis-socjeta` konvenuta jew mill-imsejjah fil-kawza Vincent Tabone. Jirrizulta mill-provi ta` l-attur illi effettivament kien l-istess Vincent Tabone li mar jigbor il-merkanzija in kwistjoni. Is-socjeta` attrici ssostni illi fil-fatt meta Tabone kien qed jaghmel hekk kien qed jaghmel dan ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, izda s-socjeta` konvenuta tichad li dakinhar Vincent Tabone kien awtorizzat jaghmel dan l-akkwist partikolari. Il-piz tal-prova f'dan ir-rigward tispetta lis-socjeta` attrici u t-Tribunal huwa sodisfatt li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz jirrizulta ppruvat ukoll mill-provi sottomessi mis-socjeta` konvenuta illi l-*invoice* imsemmi numru 1058 li jgib valur ta` mija u wiehed u hamsin lira Maltin u erba` centezmi (Lm151.04c) ghandu jigi addebitat lill-imsejjah fil-kawza Vincent Tabone u mhux lis-socjeta` konvenuta.

Illi ghalhekk it-talba attrici sejra tigi milqugha fil-konfront tal-kjamat in kawza fir-rigward ta` dan l-ammont.

Ma gew prodotti l-ebda provi fil-konfront tal-konvenut Raymond Micallef proprio u ghalhekk l-eccezzjoni tieghu tisthoqq li tigi milqugha u konsegwentement ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Tenut kont tal-premess ghandu jkun hemm rifless opportun fuq il-kap ta` l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera lil Raymond Micallef mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa` t-talba attrici kif ser jinghad u dan kwantu ghas-somma ta` tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm383.50c) fil-konfront tas-socjeta` RC Construction Limited u kwantu ghall-ammont ta` mija u wiehed u hamsin lira Maltin u erba` centezmi (Lm151.04c) fil-konfront tal-kjamat in kawza Vincent Tabone. L-ispejjez kollha tal-kawza huma kwantu ghal

terz (1/3) ghall-imsejjah fil-kawza u zewg terzi (2/3) ghar-rigward tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------